**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2016**

**Appell Nru: 135/2016**

**Il-Pulizja**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**omissis**

**Warren Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali dedotti kontra Grezzju Spiteri u Warren Vella, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 820451M, talli:

Nhar it-08 ta' Marzu, 2009, u sentejn ta' qabel ġewwa x-Xewkija, Għawdex u f'inħawi differenti f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti anke jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. saqu vettura tal-għamla Suzuki tat-tip Jimny bin-numru tar-reġistrazzjoni SON 074 meta ma kienux koperti b'polza tal-assigurazzjoni għall-riskji fuq terzi persuni;

2. saqu u użaw l-istess vettura mingħajr licenzja maħruġa mill-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta, u mġedda għas-sena kurrenti;

Lil Grezzju Spiteri wahdu:

3. talli uża l-liċenzja tal-vettura GAJ 023 fuq il-vettura SON 074

4. xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioé minn liċenzja tal-windscreen bin-numru serjali mhux magħruf, iżda li kien ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GAJ 023 imwaħħla fuq vettura tal-għamla Suzuki Jimny bin-numru tar-registrazzjoni SON 074

5. talli uża, giegħel jew ħalla lil Warren Vella juża l-vettura SON 074 fit-triq, meta għall-imsemmija vettura ma kienet isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

6. irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-vettura li ġġib in-numru tar-reġistrazzjoni SON 074.

**2.** Rat is-sentenza tal-24 ta' Frar, 2016 tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha dik il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat Grezzju Spiteri ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni u ta' dik il-parti tas-sitt (6) imputazzjoni fejn l-istess imputat ġie akkużat li rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' artikoli 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk illiberatu minnhom, fir-rigward tal-imputat Warren Vella, wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess imputat Vella ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa

komplessiva ta' elfejn u seba' mitt Euro (€2700.00), waqt li fir-rigward tal-imputat Grezzju Spiteri, wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess imputat Grezzju Spiteri ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġuba fil-konfront tiegħu u kif ukoll ta' dik il-parti tas-sitt (6) imputazzjoni fejn l-imputat Grezzju Spiteri ġie akkużat li rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkundannatu multa ta' mitejn Euro (€200.00).

Fir-rigward tal-imputat Warren Vella l-ewwel Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tiegħu għal zmien ta' tnax (12) il-xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' 'l għada filgħodu tas-sentenza.

Finalment, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni  sabiex il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-vettura li ġġib in-numru tar-registrazzjoni SON 074, stante li ma rat l-ebda raġuni valida u legali għala dik it-talba kellha tiġi milqugħa.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Warren Vella ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Marzu, 2016, li bih talab lil din il-Qorti thassar id-decizjoni appellata, fis-sens illi tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha u semgħet ix-xhieda li nġiebu f'din l-istanza; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-każ in kwantu relevanti għal dan l-appell jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-8 ta' Marzu 2009 il-pulizija waqqfu l-vettura numru SON-074 fit-triq li minn Nadur tagħti għax-Xewkija li rriżultat li kienet misjuqa mill-imputat Warren Vella. Irriżulta wkoll li l-liċenzja li kien hemm mwaħħla mal-windscreen tal-vettura kienet tirreferi għall-vettura GAJ 023 u mhux għal dik misjuqa minn Vella. Inoltre rriżulta wkoll li l-vettura SON-074 għas-sena 2009 ma kiellhiex il-liċenżja mġedda biex tinsaq fit-triq.

**6.** L-aggravji tal-appellant Warren Vella huma sostanzjalment is-segwenti:

1. L-azzjoni penali kontra l-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni hija preskritta għaliex, għalkemm ir-reat sar fit-8 ta' Marzu 2009, meta l-imputati Vella u Spiteri tressqu akkużati flimkien fl-ewwel seduta tat-3 ta' Novembru, 2009, quddiem il-Qorti l-appellant kien għadu mhux notifikat u kien biss l-imputat l-iehor Grazio Spiteri li kien notifikat u l-ewwel darba li deher l-appellant kien fl-4 ta' Marzu, 2010 u għalhekk il-perjodu preskrittiv ta' sitt (6) xhur kien laħaq skada u r-reat addebitat lill-appellant fl-ewwel imputazzjoni kien jinsab preskritt ai termini tad-dispozizzjoni tal-artikolu 3 (3) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta peress li kien għadda t-terminu ta' sitt xhur;

2. Fit-tieni lok l-appellant jgħid li l-prosekuzzjoni naqset li tesebixxi r-road licence li ssir referenza għaliha fl-atti proċesswali iżda, apparti li din tikkostitwixxi prova nieqsa da parti tal-prosekuzzjoni, jirriżulta li bħala stat ta' fatt ir- road licence kienet mibdula u għalhekk fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni f'dak il-mument partikolari l-appellant ma setax ikun jaf jekk il-vettura li huwa kien ser jagħmel użu minnha kienitx fil-verità mħallsa jew le għalhekk dan joħloq dubju gravi jekk l-appellant kellux f'dak il-mument l-elementi necessarji, fosthom l-intenzjoni kriminali, sabiex huwa jinstab ħati tar-reat addebitat lilu fit-tieni imputazzjoni;

**Ikkunsidrat,**

7. Dwar l-ewwel aggravju fuq il-preskrizzjoni fil-mori tal-appell, peress li kien f'dan l-istadju li ġiet sollevata għall-ewwel darba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-Qorti awtorizzat il-produzzjoni ta' riferta tan-notifika ta' Grezzju Spiteri li kien ko-imputat mal-appellant fl-ewwel istanza. Minn din ir-riferta jirriżulta li l-istess Grezzju Spiteri kien ġie notifikat bit-taħrika fis-17 ta' Awwissu 2009 biex jidher għall-ewwel seduta tal-kawża fit-3 ta' Novembru 2009. Daltronde, fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant stess jistqarr li Grezzju Spiteri kien ġie preċedentement notifikat bl-akkużi għal dik is-seduta. Għalhekk jirriżulta li d-dekorriment tal-preskrizzjoni kien ġie interrot fil-konfront ta' Grezzju Spiteri fid-data msemmija tas-17 ta' Awwissu 2009.

8. L-artikolu 693(4) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li l-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat għalkemm l-att li bih tkun ġiet miksura l-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss. Il-prosekuzzjoni għalhekk issostni li l-preskrizzjoni ġiet interrotta wkoll fil-konfront tal-appellant fl-istess data li ġiet interrotta fil-konfront tal-ko-imputat Grezzju Spiteri u ċioè fis-17 ta' Awwissu 2009.

9. L-appellant qiegħed jinvoka l-preskrizzjoni għar-rigward tar-reat imputat fl-ewwel imputazzjoni. Grezzju Spiteri kien ukoll imputat bl-istess reat fl-ewwel istanza u fil-konfront tiegħu il-preskrizzjoni kienet ġiet interrotta bin-notifika tiegħu fis-17 ta' Awwissu 2009. L-appellant jinsab imputat li ħa sehem hu wkoll fl-istess reat. Għalhekk jekk effettivament jirriżulta li l-imputat ħa sehem fl-istess reat allura l-preskrizzjoni tkun ġiet interrotta fil-konfront tiegħu ukoll.

10. Mill-provi jirriżulta ampjament ċar li l-appellant kien is-sewwieq tal-vettura SON 074 imsemmija fl-ewwel imputazzjoni u għalhekk ma hemm ebda ombra ta' dubbju li l-appellant ħa sehem fir-reat imputat lilu

fl-ewwel imputazzjoni. Għalhekk l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni rigward l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' Grezzju Spiteri interrompiet ukoll id-dekorriment tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-appellant u għat-tenur tal-artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali iż-żmien tal-preskrizzjoni għar-rigward l-ewwel imputazzjoni ġie wkoll sospiż fid-data tan-notifika u ċioè fis-17 ta' Awwissu 2009.

**11.** Għalhekk jirriżulta li l-azzjoni penali fil-konfront tal-appellant għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni ma hix preskritta u dan l-aggravju qiegħed għaldaqstant jiġi respint.

**12.** In kwantu għat-tieni aggravju li jolqot it-tieni imputazzjoni dan sostanzjalment jikkonċerna l-apprezzament tal-provi da parti tal-ewwel Qorti u dwar din ix-xorta ta' aggravju il-gurisprudenza ta' din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**13.** Il-Qorti tibda biex tirrileva li kien dover tal-appellant li qabel ma jibda jsuq il-vettura in kwistjoni <u>jaċċerta ruħu</u> li l-vettura kienet koperta minn liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti sabiex il-vettura tinsaq fit-triq. Fin-nuqqas is-sewwieq ikun konsapevoli u ppreveda li l-vettura setgħet ma kienetx koperta bl-appożita liċenzja u volontarjament u konsapevolment jassumi r-riskju li ma tkunx hekk koperta. F'każ ta' dubbju wkoll is-sewwieq kien obbligat li qabel jibda jsuq jelimina d-dubbju li seta' kellu. Jekk ma jagħmilx hekk allura jassumi r-riskju li l-vettura ma kienetx koperta b'liċenzja skont il-liġi u jiġi li volontarjament saq vettura li <u>kien jaf</u> setgħet ma kienetx koperta b'liċenzja skont il-liġi. Fil-każ ta' llum, inoltre, l-appellant kien jaf li l-vettura ma kienetx koperta b'liċenzja biex tinsaq fit-triq għaliex il-liċenzja li kienet imwaħħla mal-

windscreen tal-vettura kienet kjarament tirreferi għal vettura oħra u mhux għall-vettura li kienet misjuqa minnu. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ssib li l-element intenzjonali tar-reat *de quo* ġie abbondantament pruvat skont il-liġi.

**14.** Dan it-tieni aggravju wkoll qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

Għall-motivi premessi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur